

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/482****tat-22 ta' Marzu 2018****dwar il-prezz massimu għax-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat għall-ewwel sejħa individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tal-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/154**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/154 <sup>(2)</sup> fetaħ ix-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tal-offerti għall-perjodu mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Settembru 2018, skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 <sup>(3)</sup>.
- (2) Abbażi tal-offerti li waslu bi tweġiba għas-sejħiet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz massimu għax-xiri sfurzat jew għandha tiddeċiedi li ma tiffissax prezz massimu għax-xiri sfurzat, f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1240.
- (3) Fid-dawl tal-offerti li saru b'risposta għall-ewwel sejħa individwali għall-offerti, ma jenhtiegħ li jiġi ffissat prezz massimu għax-xiri sfurzat.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-ewwel sejħa individwali għall-offerti għax-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/154, li għaliha d-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-offerti skadiet fl-20 ta' Marzu 2018 l-ebda prezz massimu għax-xiri sfurzat ma għandu jiġu stabbilit.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Jerzy PLEWA**Direttur Ġenerali**Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠUL 346, 20.12.2013, p. 12.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/154 tat-30 ta' Jannar 2018 li jiftaħ proċedura għall-offerti għax-xiri ta' trab tal-ħalib xkumat matul il-perjodu ta' intervent pubbliku mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Settembru 2018 (ĠU L 29, 1.2.2018, p. 6).<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 tat-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' intervent pubbliku u ta' għajnunja għall-ħżin privat (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 71).